**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' April 2022**

**Rikors nru : 131/2022 AGV fl-ismijiet;**

**Jc**

***vs***

**CC**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors JC ;

Jesponi bir-rirspett u bil-ġurament tieghu jikkonferma:

1. Illi l-kontendenti partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar it-tmienja u ghoxrin ta’ Novembru tas-sena elf, disa’ mija u tmienja u disghin (28.11.1998) u miz-zwieg taghhom twieldu zewg ulied R li twieldet nhar it-tmintax ta’ Frar tas-sena elfejn u tnejn (18.02.2002) u N li twieled nhar it-tnejn u ghoxrin ta’ Gunju tas-sena elfejn u seba’ (22.06.2007). Ghal kull boun fini, ic-certifikati tal-ulied qeghdin jigi hawn annessi u mmarkati Dok. ‘JC0’ u Dok. ‘JC1’.

1) Illi il-kontendenti partijiet sseparaw minn ma’ xulxin fl-erbgha (4) ta’ April tas-sena elfejn u tmintax (2018) in Atti Nutar Dottor Jean Carl Debono mill-kuntratt ta’ separazzjoni personali hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘JC3’;

2) Illi illum il-ġurnata għaddew iktar minn tlett (3) snin mid-data effettiva meta l-kontendenti partijiet isseparaw u l-istess partijiet reċiprokament jaqblu li ma hemm ebdà prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom infatti jghixu hajja kompletament separata minn xulxin.

3) Illi l-partijiet minn dan iż-żwieġ iddekadu reċiprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta’ xulxin;

4) Illi m’hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar manteniment ghal ulied;

5) Illi in vista tal-premess evidentement jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għall-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti **JC** umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Jiddikjara li ż-żwieġ tagħhom hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqsekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u biex jirreġistrah skont il-liġi fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti rat li il-konvenuta ddikjarat li m' ghandix oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**